MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 727/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Lofti Labidi (I.D. nru. 16852(A)) u**
**2. Emanuela Mifsud (I.D. nru. 767057(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fit-18 ta' Lulju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg skritturi privati datati fit-2 t'Ottubru 2002 u fl-24 ta' Lulju 2003 (Dok. 'A' u 'B') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Lofti Labidi u Emanuela Mifsud;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Lofti Labidi u Emanuela Mifsud

fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmu (€21,857.96) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta’ Lofti Labidi u Emanuela Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C2”, Dok. “D1 sa D3”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta’ Lulju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A”, u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Lofti Labidi u Emanuela Mifsud;
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Lofti Labidi u Emanuela Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-23 ta’ Jannar 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji, u li jinghataw il-provvedimenti opportuni li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A”, u ‘B’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Lofti Labidi u Emanuela Mifsud (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Lofti Labidi u Emanuela Mifsud li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Lofti Labidi u Emanuela Mifsud jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmu (€21,857.96) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" Lofti Labidi u Emanuela Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C2”, Dok. “D1 sa D3”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta’ Lulju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-23 ta’ Jannar 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti tal-4 ta’ Frar, 2009 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti Lofti Labidi u Emanuela Mifsud jhallsu lill-Bank attur s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmu (€21,857.96) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" Lofti Labidi u Emanuela Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta’ Lulju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------